MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2006

Rikors Numru. 58/2006

**Referenza Kostituzzjonali numru 58/2006 fl-atti tal-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet**
**Il-Pulizija**

***Versus***

**Joseph Zahra**

Din hija referenza kostituzzjonali mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali.  Il-fatti li wasslu għar-referenza seħħew hekk:
Joseph Zahra tressaq b'arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati mixli li għamel reat kriminali.  B'dikriet mogħti fit-23 t'Ottubru 2002 kien ingħata ħelsien mill-arrest sakemm ikunu għaddejjin il-proċeduri bil-kondizzjoni illi, jekk jikser xi waħda mill-obbligazzjonijiet li ntrabat bihom sabiex ingħata l-ħelsien, "jinħareġ mandat ta' arrest kontra

tiegħu u s-somma totali ta' ħames mitt lira maltija tgħaddi favur il-Gvern ta' Malta".

Fl-4 t'Ottubru 2006 Zahra reġa' tressaq b'arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mixli illi naqas milli jħares xi waħda mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fid-dikriet tat-23 t'Ottubru 2002 li bih ingħata l-ħelsien mill-arrest. Il-qorti kienet mitluba sabiex, fil-każ ta' ħtija, tħassar il-ħelsien u tarrestah mill-ġdid. It-talba saret taħt l-art. 579(2) u (3) tal-Kodiċi Kriminali:

**579.** (1) Jekk l-imputat jew akkużat jonqos li jidher għall-ordni ta' l-awtorità msemmija fl-obbligazzjoni tal-garanzija, jew jonqos li josserva xi kondizzjoni imposta mill-qorti fid-digriet tagħha li bih tagħti l-ħelsien mill-arrest, jew jinħeba jew jitlaq minn Malta, jew waqt li jkun meħlus mill-arrest jikkommetti delitt li ma jkunx wieħed ta' natura involontarja, jew jinterferixxi jew jipprova jinterferixxi max-xhieda jew b'mod ieħor jintralċja jew jipprova jintralċja il-kors tal-ġustizzja fir-rigward tiegħu jew ta' xi persuna oħra, is-somma msemmija fl-obbligazzjoni tgħaddi favur il-Gvern ta' Malta, u, barra minn dan, jiġi maħruġ mandat ta' arrest kontra tiegħu:

Iżda din id-disposizzjoni ma għandhiex tapplika meta l-qorti tkun tal-fehma illi l-ksur tal-kondizzjoni imposta fid-digriet li bih jingħata l-ħelsien mill-arrest ma hiex ta' konsegwenza serja.

(2) Kull persuna li tonqos milli tħares xi waħda mill-kondizzjonijiet imposti mill-qorti fid-digriet tagħha li bih tagħti l-ħelsien mill-arrest taħt garanzija tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja, il-piena ta' multa jew ta' priġunerija għal żmien ta' mhux aktar minn sitt xhur, jew għal multa u priġunerija flimkien.

(3) Minkejja d-disposizzjonijiet ta' xi liġi, kull persuna akkużata b'reat kif imsemmi fis-subartikolu (2) għandha tiġi mressqa l-Qorti taħt arrest, u l-Pulizija tkun tista', fl-istess proċedimenti, titlob ir-revoka tal-ħelsien mill-arrest u l-arrest mill-ġdid ta' dik il-persuna. Il-proċedimenti għal reat taħt is-subartikolu (2) għandhom jittieħdu mill-Pulizija u jiġu deċiżi mill-Qorti bl-urġenza.

Fis-6 t'Ottubru 2006 Zahra b'rikors talab lill-Qorti tal-Maġistrati tagħmel referenza lil din il-qorti għax deherlu illi "b'dawn il-proċeduri qed jiġi preġudikat id-dritt

kostituzzjonali tiegħu li ma jingħatax żewġ pieni fuq l-istess fatt".

B'dikriet mogħti fis-7 ta' Novembru 2006 il-Qorti tal-Maġistrati bagħtet l-atti quddiem din il-qorti bil-mistoqsija jekk inkisirx il-jedd kostituzzjonali ta' Zahra illi ma jingħatax żewġ pieni fuq l-istess fatt ladarba, jekk jinstab illi tassew ma ħarisx il-kondizzjonijiet tad-dikriet tat-23 t'Ottubru 2002 li bih ingħata l-ħelsien mill-arrest, huwa sejjer:

1. jiġi kundannat għal piena li tista' tkun multa jew priġunerija għal żmien ta' mhux aktar minn sitt xhur, jew għal multa u priġunerija flimkien; u

2. jingħata "piena addizzjonali" ta' telfien tal-ħelsien mill-arrest, u għalhekk arrest mill-ġdid, u ħlas tal-garanzija ta' ħames mitt lira (Lm500) taħt id-dikriet tat-23 t'Ottubru 2002.

Id-dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni ta' Malta ["il-Kostituzzjoni"] li jgħoddu għall-każ tallum huma dawk ta' l-art. 39(9), li jgħid hekk:

**39.** (9) Ebda persuna li turi li tkun għaddiet proċeduri quddiem xi qorti kompetenti għal reat kriminali u jew tkun ġiet misjuba ħatja jew liberata ma għandha terġa' tgħaddi proċeduri għal dak ir-reat jew għal xi reat kriminali ieħor li għalih setgħat tiġi misjuba ħatja fil-proċeduri għal dak ir-reat ħlief wara ordni ta' qorti superjuri mogħti matul il-kors ta' appell jew proċeduri ta' reviżjoni dwar id dikjarazzjoni ta' ħtija jew liberazzjoni; u ebda persuna ma għandha tgħaddi proċeduri għal reat kriminali jekk turi li tkun ħadet il-maħfra għal dak ir-reat:

Igħodd ukoll l-art. 4-1 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali ["il-Konvenzjoni"]:

4-1. Ħadd ma jista' jkun ipproċessat jew jerġa' jiġi kkastigat għal darb'oħra fi proċedimenti kriminali taħt il-ġurisdizzjoni ta' l-Istess Stat għal xi reat li dwaru jkun diġà ġie finalment liberat jew misjub ħati skond il-liġi u l-proċedura penali ta' dak l-Istat.

Fit-trattazzjoni tagħhom il-partijiet argumentaw dwar jekk it-telfien tal-ħelsien mill-arrest u l-ħlas tal-garanzija humiex piena jew miżura amministrattiva jew "proċedurali".

Dwar it-telfien mill-arrest, din il-qorti ma tarax illi hija wisq relevanti l-kwistjoni jekk din hijiex piena jew miżura

amministrattiva. Ir-raġuni hija illi t-tħassir tal-ħelsien mill-arrest jingħata, skond l-art. 579(3) tal-Kodiċi Kriminali, "fl-istess proċedimenti" dwar l-akkuża tar-reat taħt is-sub-artikolu (2). Ma huwiex każ, għalhekk, illi l-ħelsien mill-arrest jintilef għax dak misjub ħati tar-reat taħt l-art. 579(3) "jerġa' jgħaddi proċeduri" oħra li fihom jitħassar il-ħelsien: dak it-telfien, flimkien mal-piena ta' priġunerija u/jew multa, jingħata fl-istess proċeduri, u għalhekk, ukoll jekk jitqies piena, ma jkunx bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni jew tal-Konvenzjoni għax ikun parti mill-istess piena, daqskemm ma hemmx ksur ta' dawk id-dispożizzjonijiet jekk liġi tipprovdi għall-piena ta' "multa u priġunerija flimkien"; hija sempliċement piena waħda b'diversi komponenti.

Konsiderazzjonijiet differenti jistgħu jgħoddu għall-ħlas tal-garanzija għax il-Qorti tal-Maġistrati ma għandhiex is-setgħa, waqt li tkun qiegħda tisma' l-proċeduri dwar ir-reat taħt l-art. 579(2), illi tordna l-ħlas tal-garanzija kif għandha s-setgħa tordna t-tħassir tal-ħelsien mill-arrest u l-arrest mill-ġdid: l-ordni tal-ħlas tal-garanzija tingħata, mhux "fl-istess proċedimenti", iżda fi proċedimenti oħra (dawk li fihom kien ingħata, fil-bidu, l-ħelsien mill-arrest), u għalhekk ikun hemm il-perikolu illi, għall-istess fatt (*i.e.* il-ksur tal-kondizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest) fil-proċeduri dwar ir-reat taħt l-art. 579(2) tingħata l-piena tal-priġunerija jew tal-multa jew tal-multa u priġunerija flimkien, u tat-telfien tal-ħelsien mill-arrest (jekk din ta' l-aħħar titqies piena), u, fil-proċeduri oriġinali – dawk li fihom kien ingħata l-ħelsien mill-arrest – terġa' tingħata l-piena (jekk titqies piena) tal-ħlas tal-garanzija.

Lil din il-qorti, iżda, jidhrilha illi lanqas dwar il-ħlas tal-garanzija ma għandha għalfejn tidħol fil-kwistjoni jekk din titqiesx piena mogħtija fi proċeduri penali għall-għanijiet tad-dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni. Ir-raġuni hi illi ma nġibtx prova illi ġà kien hemm deċiżjoni, fi proċeduri oħra, illi imponiet il-ħlas tal-garanzija. Issa, dak li ma jridux id-dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni hu illi xi ħadd, wara li jkun ġà għadda minn proċeduri kriminali u ġà nstab ħati jew meħlus, jerġa' "għal darb'oħra" jgħaddi minn proċeduri kriminali dwar l-istess reat, u mhux li ma jgħaddix minn dawk il-proċeduri lanqas darba waħda.

Fi kliem ieħor, il-kwistjoni tqum meta qorti tkun qiegħda tisma’ t-tieni proċeduri wara li jkunu ġà ngħalqu l-proċeduri li fihom tkun ġà ngħatat piena, u mhux waqt l-ewwel proċeduri. Li kien mod ieħor, u li kieku l-kwistjoni setgħet titqanqal ukoll fl-ewwel proċeduri, mhux biss dak li jkun ma jgħaddix minn proċeduri dwar l-istess reat darbtejn, iżda ma jgħaddi qatt minn proċeduri dwar dak ir-reat!

Dan qalitu wkoll il-Qorti Kostituzzjonali f’sentenza mogħtija fl-10 ta’ Jannar 2005 fl-atti tar-referenza kostituzzjonali mill-Qorti tal-Maġistrati fl-ismijiet **Il-Pulizija *versus* Anthony Zammit *et***:

Din id-dispożizzjoni għandha l-għan li … … … tassigura li persuna ma tiġix assoġġettata darbtejn għal proċeduri li jkunu essenzjalment ta’ natura penali għall-istess reat, salv naturalment, li l-ewwel proċeduri jkunu ġew finalment konklużi (ċioe` l-ewwel deċiżjoni tkun għaddiet in ġudikat).

Billi għalhekk ma ntwera li hemm ebda deċiżjoni, mogħtija fi proċeduri oħra, li ordnat il-ħlas tal-garanzija (irrispettivament minn jekk dik titqiesx piena jew le), bit-tkomplija tal-proċeduri quddiem il-qorti li għamlet din ir-referenza ma jkunx qiegħed jiġri illi Joseph Zahra jgħaddi minn proċeduri kriminali *bis in idem*.

Il-qorti għalhekk ma ssib illi hemm ebda ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni jew tal-Konvenzjoni fil-proċeduri li minnhom saret ir-referenza, u għalhekk tordna illi l-atti jintbagħtu lura lill-qorti li għamlet ir-referenza sabiex din tkompli tisma’ l-każ bl-urġenza kif irid l-art. 579(3) tal-Kodiċi Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------